# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' Gunju 2019**

**Numru 5**

**Rikors numru 85/15 AL**

**Ryan Fenech**

**v.**

**Kathleen Bonnici; Direttur tar-Registru Pubbliku ; u l-Avukat Dr Yana Micallef Stafrace u l-PL Francesco Catania li b'digriet tat-18 ta' Mejju 2015 gew nominati bhala Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw lil minuri Aleandra Bonnici, u b'digriet tat-18 ta' Gunju, 2016 il-PL Francesco Catania gie sostwit bil-PL Peter Sammut u b'digriet tas-16 ta' Mejju, 2017 l-Avukat Dr Yana Micallef Stafrace giet sostitwita bl-Avukat Dr Benjamin Valenzia**

**Preliminari**

1. Dan hu appell mill-konvenuta minn digriet [id-digriet appellat] moghti mill-Qorti Civili [Sezzjoni Familja] fid-9 ta' Awissu 2017 li jirreferi ghad-digriet moghti precedentement fl-20 ta' Frar 2017 li permezz

taghhom dik il-qorti cahdet it-talba tl-konvenuta sabiex fil-mori tal-proceduri l-konvenuta tigi awtorizzata tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri in vista ta' digriet ta' adozzjoni moghti mill-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja f'dawk il-proceduri.

**Il-Fatti**

2. Permezz tal-proceduri odjerni l-attur qed jitlob li jigi dikjarat li hu l-missier bijologiku tal-minuri Aleandra li fiz-zmien tat-twelid taghha fit-23 ta' Marzu 2006 kienet giet registrata bhala bint *'missier mhux maghruf'*, izda llum t-tifla iggorr il-kunjom ta' zewg l-omm, Terence Farrugia, wara li fil-mori tal-dawn il-proceduri kien inghata digriet ta' adozzjoni fit-22 ta' April 2016 li gie debitament registrat fit-3 ta' Mejju 2016.

3. Wara li inghata id-digriet ta' adozzjoni fuq imsemmi u fid-dawl ta' dan, il-konvenuta talbet lill-ewwel Qorti sabiex tigi awtorizzata tipprezenta nota eccezzjonijiet ulterjuri liema talba kienet giet rifjutata bid-digriet appellat. L-eccezzjonijiet ulterjuri jaqraw hekk:

> "4.1. Illi t-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur *stante* illi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex il-gurisdizzjoni li tissindika l-operat tal-Onorabbli Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja u wisq inqas li tirrevoka *contrario imperio* d-digriet moghti mill-imsemmija Onorabbli Qorti;
>
> "4.2 Illi *di piu'* d-digriet tal-adozzjoni moghti mill-Onorabbli Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja nghata wara li giet segwita l-procedura korretta kif stabbilita mill-ligi u wara r-rapport rilaxxjat mill-kuratur nominat mill-imsemmija Onorabbli Qorti skond il-ligi;

"4.3 Illi fil-mument tad-digriet tal-adozzjoni l-minuri Aleandra Farrugia kienet bint missier mhux maghruf, kif jirrizulta mid-dokumentazzjoni prezentata mill-istess attur mir-rikors guramentat tieghu, u kwindi l-Onorabbli Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja ma kellha ebda obbligu li tgharraf lill-attur bil-proceduri ta' addozzjoni *stante* illi l-attur ma kellu ebda '*locus standi*' legali fil-konfront tal-istess minuri;

"4.4 Illi jekk jintlaqghu t-talbiet attrici, u dan anki fid-dawl tan-nuqqas ta' talba ghat-thassir jew revoke tad-digriet tal-adozzjoni, il-minuri Alendra Farrugia ser titpogga f'sitwazzjoni ta' incertezza legali fejn tkun is-suggett ta' zewg sentenzi ta' zewg Qrati separati, liema sentenzi ma jistghu qatt jissustixxu flimkien stante li huma konfliggenti;

"4.5 Illi jigi umilment rilevat li fid-dawl tad-digriet tal-adozzjoni din l-Onorabbli Qorti m'ghadx ghandha kompetenza sabiex tikkunsidra t-talbiet attrici stante li l-Qorti kompetenti li hi l-Prim'Awla tal-Qorti Civili;

"4.6 Illi fid-dawl tal-premess din l-Onorabbli Qorti hija, bid-dovut rispetto, prekluza milli tilqa' t-talbiet attrici u dan stante li bis-sahha tad-digriet tal-adozzjoni l-minuri Aleandra Farrugia giet addottata minn Terrence Farrugia u dan ai termini u l-effetti kollha tal-ligi".

## Id-Digriet Appellat

4. Permezz tad-digriet moghti fl-20 ta' Frar 2017 l-ewwel Qorti cahdet it-talba tal-konvenuta sabiex din tigi awtorizzata tipprezenta l-imsemmija nota. Permezz ta' digriet moghti fid-9 ta' Awissu 2017 dik il-Qorti, wara talba ghar-rikonsiderazzjoni tad-digriet precedenti, regghet cahdet it-talba tal-konvenuta. Dan l-ahhar digriet jaqra hekk

"Rat ir-rikors ta' Kathleen Bonnici tal-**<u>11 ta' Mejju 2017</u>** fejn hija talbet lil din il-Qorti sabiex jogħġobha tikkonsidra mill-ġdid id-deċiżjoni tagħha kif miġjuba fid-digriet mogħti *in camera* nhar l-20 ta' Frar 2017 u dana billi tirrevoka contrario imperio tali digriet u għalhekk tawtorizza ż-żieda tal-eċċezzjonijiet ulterjuri;

"Rat ir-risposta ta' Ryan Fenech ippreżentata nhar is-26 ta' Mejju 2017 fejn dana oppona r-revoka tad-digriet tal-Qorti tal-20 ta' Frar 2017;

"Reġgħet rat ir-rikors ta' Katheen Bonnici tas-6 ta' Frar 2017 u r-risposta ta' Ryan Fenech tas-17 ta' Frar 2017;

"Rat l-atti kollha tal-proċediment sa dan l-istadju;

"Ikkunsidrat:

"Fl-ewwel lok, illi l-eċċezzjonijiet ulterjuri li l-konvenuta Kathleen Bonnici tixtieq tintavola, partikolarment l-ewwel, it-tieni, it-tielet u l-ħames eċċezzjoni, huma eċċezzjonijiet xejn relatati mat-talbiet kif dedotti. L-attur, bil-preżenti, qiegħed jitlob li huwa jiġi dikjarat il-missier naturali tal-minuri Aleandra Bonnici, llum Farrugia; Huwa m'huwiex qiegħed jattakka d-digriet tal-adozzjoni tal-istess minuri minn Terrence Farrugia, u lanqas seta jagħmel dan stante li meta ġiet intavolata l-kawża odjerna, l-proċeduri tal-adozzjoni ma kienux konklużi u ma kien ingħata ebda digriet; Illi l-eċċezzjonijiet ulterjuri proposti mill-konvenuta huma risposta għal min jittenta jattakka d-digriet tal-adozzjoni tal-minuri, li pero mhumiex it-talbiet fil-kawża odjerna; Illi għalhekk isegwi li ladarba t-talba attriċi hija sabiex il-Qorti tiddikjara li l-minuri Aleandra hija l-wild naturali tal-attur Ryan Fenech, u bl-ebda mod ma jattakka digriet mogħti minn Qorti oħra kif qed tikkonkludi l-konvenuta, l-eċċezzjonijiet minnha proposti huma għal kollox irrelevanti; Kif ikkwotat sewwasew l-istess rikorrenti, il-Qorti ma tistax titratta u tirrisolvi kwestjonijiet li l-partijiet ma ssollevawx għad-deċiżjoni tagħha, u għalhekk din il-Qorti bl-ebda mod ma ser tkun qiegħda tevalwa d-digriet tal-adozzjoni u r-revoka/konferma tiegħu.

"Fit-tieni lok, illi l-konvenuta tissottometti kemm fir-rikors tagħha tal-11 ta' Mejju 2017, kif ukoll fir-raba' eċċezzjoni ulterjuri li tixtieq tqajjem, illi kemm-il darba l-eċċezzjonijiet tagħha jiġu skartati minn din il-Qorti, il-minuri Aleandra ser titpoġġa f'sitwazzjoni ta' inċertezza legali fejn tkun is-suġġett ta' żewġ sentenzi ta' żewġ Qrati separati, liema sentenzi ma jistgħu qatt jissustixxu flimkien stante li huma konfliġġenti; Dwar dan il-Qorti tagħmel żewġ osservazzjonijiet:

1. "Din l-inċertezza legali fuq il-minuri, se mai tirriżulta, ma ġietx ikkawżata mill-ebda Qorti u mill-ebda digriet, iżda ġiet ikkawżata biss mill-istess omm u cioe mill-konvenuta Kathleen Bonnici, li minkejja li kienet konsapevoli u notifikata bl-atti tal-kawża odjerna, baqgħet għaddejja bil-proċeduri tal-adozzjoni jew saħansitra inizjathom[1], mingħajr ma kkunsidrat il-possibilita` li t-talbiet tal-attur ta' paternita' jkunu ġustifikati u akkolti. Jekk hija, flimkien ma' żewġha Terrence Farrugia, kienet diġa bdiet il-proċeduri tal-adozzjoni, allura setgħet faċilment tqajjem l-eċċezzjonijiet relattivi fir-risposta ġuramentata tagħha ddatata it-18 ta' Diċembru 2015; Jekk min-naħa l-oħra hija bdiet

[1] Il-Qorti m'hijiex edotta meta bdew l-istess proċeduri, iżda hija biss edotta mid-data tad-digriet finali u cioe it-22 ta' April 2016. Ir-rikorrenti iżda tisħaq li l-adozzjoni seħħet tul il-mori ta' dawn il-proċeduri;

il-proċeduri tal-adozzjoni wara n-notifika tagħha bil-kawża odjerna, allura l-istess proċeduri saru f'dak l-istadju partikolari, u mhux wara l-eżitu ta' din il-kawża, biex ir-rikorrenti tittenta torbot idejn il-Qorti ma tilqax it-talbiet ta' paternita'. Il-Qorti m'hija u m'għandha qatt tkun marbuta bl-ebda manuvrar! L-attriċi tittenta titfa' fuq il-Qorti r-responsabilita' ta' "inġustizzja", "dannu kbir anke min aspett psikoloġiku" "numru bla qies ta' problemi fil-ħajja tagħha ta' kuljum" u tgħid li l-Qorti hija fid-dover li tieħu konjizzjoni tal-eċċezzjonijiet ulterjuri tagħha. Fil-fehma tal-Qorti, biex il-konsegwenzi koroh li qed tissottometti l-attriċi setgħu ġew kompletament skartati, kellha tkun hi li tistenna l-eżitu tal-proċeduri odjerni, jew ossia *ab initio* tinforma lil din il-Qorti li hemm proċeduri tal-adozzjoni inizjati.

2. "Inoltre, il-Qorti ma taqbilx illi jekk it-talbiet attriċi fil-kawża odjerna jiġu milqugħa, is-sitwazzjoni legali ser tkun waħda konfliġġenti u dana stante li kull adozzjoni u mhux biss il-każ ta' Aleandra, jippresumi l-eżistenza ta' ġenituri bijoloġiċi, oltre dawk adottivi. Dana jfisser li filwaqt li l-missier naturali ta' Aleandra jista' potenzjalment, bis-saħħa tal-preżenti, jiġi dikjarat li huwa l-attur Ryan Fenech, dana ma jnaqqas xejn mid-drittijiet tal-missier adottiv Terrence Farrugia, kemm-il darba d-digriet tal-adozzjoni ma jiġix mibdul jew revokat, eżerċizzju li m'huwiex kontemplat fil-kawża odjerna; Ma taqbilx mar-raġunament tar-rikorrent li l-eċċezzjonijiet proposti jġibu fix-xejn it-talbiet attriċi stante li jekk jirriżulta li l-minuri hija adottata, t-talbiet attriċi qatt ma' jistgħu jiġu milqugħa. Hija fehma tal-Qorti li l-istat tal-adozzjoni tal-minuri, ma jġibx awtomatikament fix-xejn it-tiftixa tal-identita` tal-ġenituri naturali;

"In vista ta' dan kollu suespost, il-Qorti **tilqa' limitatament** ir-rikors ta' Katheen Bonnici tal-11 ta' Mejju 2017 billi l-Qorti ikkunsidrat mill-ġdid kif mitluba d-deċiżjoni tagħha tal-20 ta' Frar 2017, iżda **tiċħad** it-talba ta' Kathleen Bonnici għar-revoka tal-imsemmi digriet u għaldaqstant qiegħda żżomm ferm id-digriet tagħha tal-20 ta' Frar 2017".

## L-Appell

5. L-aggravju li fuqu l-konvenuta qed tibbaza l-appell taghha gie imfisser fit-termini segwenti:

"3.1 Illi l-esponenti thoss ruhha aggravate bid-decizjoni tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) li tichad it-talba ghaz-zieda tal-eccezzjonijiet kif

dedotti fir-rikors tal-esponenti ta' nhar is-sitta (6) ta' Frar elfejn u sbatax (2017) u dan billi umilment tissottometti li tali decizjoni hija kuntrarja ghall-ahjar u suprem interess tal-minuri kif ukoll peress li jikkonkorru l-elementi legali rikjesti sabiex tali talba tintlaqa';

"3.2 Illi dan qieghed jinghad billi kenmm il-darba l-esponenti ma tigix awtorizzata tipprezenta l-eccezzjonijiet ulterjuri taghha kif dedotti fir-rikors ta' nhar is-6 ta' Frar, 2017, il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ser tkun prekluza milli tiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet relattivi ghal fatt li l-minuri hija adottata, b'dan li tali eccezzjonijiet ma setghux jitqajjmu meta giet ipprezentata r-risposta guramentata tal-esponenti billi sa dak iz-zmien il-minuri ma kienitx ghada adottata;

"3.3 Illi jekk l-eccezzjonijiet dwar l-adozzjoni jigu skartati l-minuuri sejra, minghajr ebda htija, titpogga f'sitwazzjoni fejn hija tkun hemm suggetta ghall-awtorita` parentali tal-attur f'dawn il-proceduri u kemm adottata mir-ragel tal-esponenti;

"3.4 Illi huwa umilment rilevat li tali ezitu jkun tabilhqq wiehed li tassew ipoggi lill-istess minuri f'stat ta' incertezza legali li bl-ebda mod imagginabbli ma jista' qatt jitqies li hu ta' gid ghal minuri, wisq anqas fl-ahjar tal-interess tal-istess;

"3.5 Illi tali ezitu mhux biss iservi sabiex johloq dannu kbir lill-minuri anki minn aspett psikologiku izda jaghti lok ukoll sabiex il-minuri tirriskontra numru bla qies ta' problem fil-hajja taghha ta' uljum, u dan anki minn aspett purament prattiku;

"3.6 Illi dan certament li jmur kontra dak li ghandu dejjem u f'kull kaz jirrenja bhala principju regolatorju f'dawn il-materji, ossia dak li hu fl-ahjar u suprem interess tal-minuri. Fil-fatt jigi umilment sottomess li tkun tassew ingustizzja li l-minuri titpogga f'stat ta' incertezza legali kompleta u b'dannu serju ghal l-inegrita psiko-fizika taghha, biss sabiex jiguosservati formalizmi ta' procedura li fl-ahhar mill-ahhar mhux biss huma hemm sabiex jizguraw li tigi servuta l-Gustizzja, izda li l-applikazzjoni taghhom fil-fattispecje partikolari huma diskrezzjonali fuq il-qrati nostrana;

……….

"3.8 Illi ulterjorment jigi ukoll rilevat li din hija materja ta' ordni public u li ghalhekk il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) kellha hi stess il-poter u d-doveri li tiehu konjizzjoni ta' tali eccezzjonijiet ulterjuri anki peress li eccezzjonijiet ta' ordni pubbliku jistghu jitqajjmu anki *ex officio* u fi kwalunkwe stadju tal-proceduri;

……….

"3.10 Illi certament li huwa fl-ordni u l-interess pubbliku kemm li jkun hemm certezza legali dwar l-awtorita parentali fuq minuri, u kemm li ma

jkunx hemm zewg sentenzi tal-Qrati nostrana li jkunu konfliggenti ma' xulxin u li ma jistghux ghalhekk jissustixxu flimkien;

"3.11 Illi ghalhekk jigi bl-akbar umilta sottomess li l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) kellha mhux biss is-setgha li tawtorizza z-zieda tal-eccezzjonijiet ulterjuri dedotti izda kellha proprju d-dover u l-obbligu li taghmel dan sabiex tipprotegi u tissalvagwardja l-interess u l-ordni pubbliku;

………..

"3.13 Illi huwa umilment sottomess li fil-kaz in ezami jirrizultaw proprju kemm l-ewwel u kemm it-tieni eccezzjoni (misjuba fl-Artikoli 731 u 732) ghar-regola misjuba fl-Artikolu 728;

……….

"3.15 Illi di piu jigi rilevat li l-adozzjoni sehhet tul il-mori ta' dawn il-proceduri b'dan ghalhekk li l-possibilita li jigu eccepiti dawn l-eccezzjonijiet fir-risposta guramentata ma kienitx tezisti u tali eccezzjonijiet kellhom biss il-potenzjalita l jigu sollevati waqt il-kawza;

"3.16 Illi ulterjorment jinghad li l-eccezzjonijiet li l-esponenti qeghda titlob li zzid huma eccezzjonijietl li min-natura taghhom igibu fix-xejn it-talbiet attrici b'mod li jistghu jitqiesu eccezzjonijiet perentorji stante li jekk jirrizulta li l-minuri hija adottara (kif fil-fatt hi) allura zgur li t-talbiet attrici qatt ma jistghu jigu milqugha".

6. Abbazi tal-premess, il-konvenuta qieghda titlob li din il-Qorti thassar id-digriet taghha tad-9 ta' Awwissu 2017 u, minflok, tawtorizza lill-istess konvenuta sabiex tipprezenta l-eccezzjonijiet ulterjuri, salv kwalunkwe provvediment li din il-Qorti jidhrilha li ghandha tiehu fic-cirkostanzi; bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur.

7. Min-naha tieghu l-attur ma pprezentatx risposta ghall-appell tal-konvenuta.

8. Il-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku pprezenta r-risposta tieghu fit-2 ta' April 2018 li permezz taghha, wara li ghamel l-osservazzjonijiet li hass rilevanti ghal kaz odjern, irrimetta ruhu ghall-gudizzju ta' din il-Qorti, salv li ma jigix akkollat spejjez ta' dan l-appell.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

9. Fil-qosor l-aggravju tal-konvenuta Kathleen Bonnici hu fis-sens li: ic-cahda tal-ewwel Qorti li tippermettilha tressaq l-eccezzjonijiet ulterjuri ser tipprekludiha milli tressaq il-fatt tal-adozzjoni ghall-konsiderazzjoni tal-ewwel Qorti;  li fil-kaz li l-attur jigi dikjarat li hu l-missier naturali tat-tifla din titpogga f'sitwazzjoni fejn tkun suggetta ghall-awtorita` parentali tal-attur u wkoll tal-missier adottiv taghha; li dan ipoggi lit-tifla fi stat ta' incertezza legali li jissarraf f'dannu kbir ghat-tifla minuri u jmur kontra l-interess suprem taghha; li l-vertenza sollevata fl-eccezzjonijiet ulterjuri hija ta' ordni pubbliku u allura l-ewwel Qorti mhux biss setghet izda kellha id-dover li tiehu konjizzjoni taghhom tant li lanqas kien hemm bzonn l-awtorizzazzjoni ta' dik il-Qorti ghall-prezentata taghhom;  li l-proceduri tal-adozzjoni sehhew fil-mori tal-proceduri u ghalhekk ma kienx possibbli li jigu sollevati qabel u, li l-eccezzjonijiet ghandhom jitqiesu bhala perentorji "*stante li jekk jirrizulta li l-minuri hija adottata [kif fil-fatt hi] allura zgur li t-talbiet attrici qatt ma jistghu jigu milqugha*".

10. Id-Direttur konvenut jissottometti, inter alia, li l-konvenuta kellha d-dmir li qabel ma tibda proceduri ghall-adozzjoni tistenna l-ezitu tal-proceduri odjerni jew tinforma lill-ewwel Qorti *ab initio* b'dawk il-proceduri. Barra minn hekk, jekk it-talba tal-konvenuta tintlaqa' u tigi awtorizzata tipprezenta n-nota bl-eccezzjonijiet ulterjuri, mhuwiex minnu kif qed tissottometti l-konvenuta li dawn ser iwaqqfu l-proceduri hesrem.

*Konsiderazzjonijiet ulterjuri ta' din il-Qorti*

11. L-aggravju huwa msejjes fuq l-ilment li jirrigwarda l-ammissibbilita` tal-eccezzjonijiet ulterjuri f'dan l-istadju, kif ukoll fuq ilmenti ohra li proprjament jirrigwardaw il-meritu taghhom. Il-vertenza li ghandha quddiemha l-Qorti f'dan l-istadju hija wahda procedurali, li tirrigwarda l-ewwel ilment, filwaqt li t-tieni ilment li jirrigwarda l-meritu ser jithalla impregudikat minn din il-Qorti sabiex jigi kkonsidrat mill-ewwel Qorti fil-qafas tal-eccezzjonijiet ulterjuri li kif ser naraw izjed 'il quddiem din il-Qorti ser taghti l-awtorizzazzjoni taghha ghall-prezentata taghhom.

12. Din il-Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li hadet in konsiderazzjoni l-fatt pacifikament akkolt li l-adozzjoni kienet bdiet u giet konkluza fil-mori tal-proceduri odjerni, jigifieri wara li l-konvenuta kienet diga' prezentat ir-risposta guramentata taghha ghar-rikors promotur tal-attur, u ghalhekk, ma kienx possibbli li l-eccezzjonijiet ulterjuri jkunu

prezentati f'dak l-istadju. L-artikolu relevanti huwa s-subartikolu 728 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civli, li huwa l-eccezzjoni ghar-regola stipulata fis-subinciz wiehed, li fir-risposta guramentata ghandhom jinghataw l-eccezzjonijiet kollha kemm dawk dilatorji kif ukoll dawk li jirrigwardaw il-meritu.

13. L-Artikolu 728 [2] jaqra hekk:

> "[2] Ebda eccezzjoni ohra ma tista' tinghata f'waqt iehor tal-kawa; b'dan li l-qorti tista' meta jsirilha rikors mill-konvenut jew appellat tippermetti li jinaghtaw aktar eccezzjonijiet, jekk din tkun sodisfatta li kien hemm ragunijiet validi l-ghaliex ma jkunux inghataw fil-nota tal-eccezzjonijiet jew fir-risposta".

14. Dan ifisser li ladarba l-eccezzjonijiet *de quo* ma kinux gew prezentati mar-rikors guramentat, jehtieg li din il-qorti tikkonsidra jekk fil-kaz odjern jezistux "ragunijiet validi" kif rikjest mis-subinciz fuq citat sabiex il-prezentata taghhom f'dan l-istadju tkun legalment gustifikata. Ghalhekk, tenut kont li l-fatt tal-adozzjoni jista' jkun fatt rilevanti f'dawn il-proceduri u wkoll il-fatt li fuqu huma imsejjsin dawk l-eccezzjoni ulterjuri, din il-Qorti hi tal-fehma li l-konvenuta ghandha tithalla tressaq dawk l-eccezzjonijiet marbuta ma' dak il-fatt, bla pregudizzju ghall-meritu taghhom li ghandu jithalla ghall-konsiderazzjoni tal-ewwel Qorti.

15. Ghaldaqstant, fil-limiti tal-konsiderazzjonijiet premessi, l-aggravju tal-konvenuta huwa gustifikat u qed jigi milqugh.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi tilqa' l-appell tal-konvenuta Kathleen Bonnici billi tirrevoka d-decizjoni tal-ewwel Qorti ghall-prezentata tal-eccezzjonijiet ulterjuri u minflok tawtorizza l-prezentata taghhom fiz zmien ghoxrin jum mil-lum.

Spejjez jibqghu rizervati ghal gudizzju finali.

Tordna li l-atti tal-kawza jigu rimessi lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni tal-kawza.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb